**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 296/2013**

**Illum: 14 ta' Lulju 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Redent Falzon**
**(ID 127781(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Redent Falzon ta' 31 sena, iben Joseph u Maria Concetta nee` Camilleri, imwieled il-Pieta` nhar il-31 ta' Jannar 1981 u joqghod gewwa 'Nenu l-Qormi', Triq San Guzepp, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita` numru 127781(M);

Akkuzat talli nhar l-1 ta' Jannar 2013 gewwa dawn il-Gzejjer:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-

President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

U aktar talli sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D. nhar is-27 ta' Novembru 2012, il-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D. nhar il-11 ta' Ottubru 2011, il-Magistrat Dr. J. Padovani LL.D. nhar it-8 ta' Frar 2012 u l-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D., liema sentenzi saru definittiv u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokument esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2015, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Jirrizulta mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, ossia mix-xhieda ta' PS 891 Oscar Baldacchino[1], illi fl-1 ta' Jannar 2013, ghall-habta tas-1.00 a.m., saret tfittxija mix-xhud u mill-kollegi tieghu fuq l-imputat odjern u fil-pussess tal-istess imputat, ossia fil-but, instabulu erba' *sachets* suspettati droga kokaina.  Ghalhekk huwa gie arrestat u skortat lejn il-Kwartieri Generali tal-Pulizija.  Mix-xhieda ta' PC 364 David Borg, jirrizulta wkoll illi fil-lejl in kwistjoni, l-imputat gie mwaqqaf gewwa *Gianpula*.[2]

L-imputat irrilaxxja stqarrija nhar l-1 ta' Jannar 2013[3], wara li nghata s-solita twissija, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogazzjoni tieghu, liema

[1] A fol. 12 sa 13 tal-process.
[2] A fol. 14 sa 16 tal-process.
[3] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 20 u 21 tal-process.

dritt huwa ghazel li ma jezerecitahx. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi huwa guvni u jahdem bhala furnar. Jghid ukoll, b'referenza ghas-sustanza misjuba fil-pussess tieghu waqt li kien fid-diskoteka *Gianpula* dakinhar stess, illi din kienet kokaina u meta muri l-qratas misjuba fil-pussess tieghu, huwa kkonferma li dawn fil-fatt instabu fuqu. Mill-bqija, l-imputat ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu, kif kellu kull dritt li jaghmel skont il-ligi.

L-imputat ghazel ukoll li jixhed f'dawn il-proceduri.[4] Fix-xhieda tieghu, huwa jghid illi kien ilu jabbuza mid-droga minn meta kellu ghoxrin sena, li fiz-zmien tax-xhieda tieghu, ma kienx ghadu bil-problema tad-droga u li kien qed jigi segwit minn Ufficjal tal-*Probation*. Kien ilu jigi hekk segwit ghall-perjodu ta' madwar xahrejn jew tlieta. Jghid ukoll b'referenza ghad-droga li nstabet fuqu fil-jum in kwistjoni, illi din kienet ghall-uzu personali tieghu. Mistoqsi kemm jikkonsma droga f'lejl wiehed, huwa jghid illi "*Dak li jkun hemm nehodhom hux*"[5]. Mistoqsi in kontro-ezami kemm kien kapaci jikkonsma kokaina f'lejl wiehed, huwa jirreferi ghall-pakketti li nstabu fuqu u mistoqsi jghid jekk kienx kapaci jiehu 1.5 gramma kokaina, huwa jwiegeb fl-affermattiv. Jghid ukoll illi huwa xtrahom kif kienu ossia maqsumin f'pakketti u li kien hallas xi hamsin Euro il-pakkett.

Xehdet ukoll omm l-imputat, Connie Falzon[6], li qalet illi saret taf li binha kellu problema tad-droga madwar hmistax-il sena qabel, meta dahal l-isptar b'*overdose*. Tghid illi ghalkemm jahdem, huwa gieli talabha l-flus u hija kienet taghtihomlu kontra qalbha. Tghid ukoll illi hija tahseb li binha kien ghadu ma harigx mill-problema tad-droga ghax kienet tarah minghajr flus u terga' tikkonferma li meta binha jkollu bzonn il-flus, jitlob lilha sabiex taghtih.

Xehdet ukoll f'zewg okkazjonijiet il-*Probation Officer* Maria Mifsud[7] li segwiet lill-imputat fuq Ordni ta' *Probation* ghall-perjodu ta' tliet snin mit-18 ta' Gunju 2013. Hija tghid illi l-imputat sosnta maghha li huwa kien jaghmel uzu mid-droga kokaina u *ecstasy* fil-passat u ghalhekk hija rreferietu lill-Agenzija Sedqa biex jinghata l-ghajnuna, sakemm il-kaz tieghu nghalaq b'success f'Ottubru 2014. Il-kampjuni tal-urina li ttiehdu lill-imputat matul it-tliet snin tal-Ordni dejjem irrizultaw fin-negattiv ghal tehid ta' sustanzi illeciti. Tghid ukoll illi huwa kkopera bis-shih maghha matul l-Ordni tal-*Probation* u wera motivazzjoni sabiex jimxi 'l quddiem f'hajtu, kellu xoghol *full time* u regolarizzat u jghix f'ambjent stabbli ma' ommu. Tghid ukoll illi qabel skadiet l-Ordni, hija kienet regghet ghamlet kuntatt

[4] A fol. 25 sa 29 tal-process.
[5] A fol. 28 tal-process.
[6] A fol. 30 sa 32 tal-process.
[7] A fol. 34 sa 35 tal-process u a fol. 52 sa 55 tal-process.

ma' omm l-imputat li qaltilha li binha kien lahaq certa stabbilita` u li kien anke qed juza flusu b'mod tajjeb, bhal per ezempju, isiefer kuntrarjament ghal qabel, meta kien jonfoqhom fid-droga.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz <u>tal-ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat qed jigi akkuzat bil-pussess aggravat tad-droga kokaina u dan b'referenza ghall-1 ta' Jannar 2013.

Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marius Magri</u>**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].*"

*Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).*

Jidher mit-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni illi l-imputat gie addebitat bil-pussess aggravat tad-droga kokaina mhux tant ghaliex kellu erba' pakketti b'din id-droga fil-pussess tieghu, izda ghaliex dawn instabu fuqu waqt li huwa kien qieghed gewwa d-diskoteka *Gianpula* u ghalhekk f'post iffrekwentat miz-zghazagh.

Mill-provi prodotti ossia kemm mill-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll mix-xhieda tieghu, jirrizulta illi l-imputat mhuwiex qed jikkontesta illi huwa nstab fil-pussess tad-droga kokaina, izda illi dan il-pussess kien wiehed aggravat. Fix-xhieda tieghu, b'referenza ghad-droga li nstabet fuqu fil-lejl in kwistjoni, huwa jghid illi din kienet ghall-uzu personali tieghu. Ghalkemm il-Prosekuzzjoni ma talbitx li jinhatar espert forensiku sabiex jezamina s-sustanza in kwistjoni, biss fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jikkonferma li din kienet kokaina u fix-xhieda tieghu, b'referenza ghad-domanda tal-Ufficjal Prosekutur dwar kemm kien kapaci jikkonsma droga kokaina f'lejl wiehed, huwa jirreferi ghall-pakketti li nstabu fuqu fil-lejl in kwistjoni. Mix-xhieda tal-imputat jirrizulta illi din ma kinitx l-ewwel okkazzjoni li huwa kellu d-droga fil-pussess tieghu jew li kien novizz fl-uzu tad-droga, tant illi huwa stess jghid illi kien ilu jabbuza mid-droga mill-eta` ta' ghoxrin sena u ghalhekk madwar hdax jew tnax-il sena qabel sehh il-kaz odjern. Ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghaliex tiddubita illi s-sustanza in kwistjoni kienet kokaina.

Madankollu mill-provi prodotti, il-Qorti ma jidhrilhiex illi tista' tasal sal-konvinciment morali illi d-droga fil-pussess tal-imputat ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Stante li ma saritx l-analizi tad-droga, mill-atti l-piz tas-sustanza ma jirrizultax, ghalkemm il-Qorti rat hija stess l-esebit konsistenti f'dawn l-erba' boroz tal-plastik bis-sustanza, li l-piz taghhom jidher wiehed tipiku. Biss in-numru ta' boroz *per se* ma huwiex tali li necessarjament iwassal ghall-konkluzjoni fil-grad rikjest mil-ligi illi dawn ma kienux ghall-uzu personali tal-imputat. Ic-cirkostanzi tal-kaz imbaghad lanqas ma jwasslu lill-Qorti ghal din il-konkluzjoni. Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, ma jirrizultax illi fil-pussess tal-imputat instabu xi flejjes jew oggetti ohrajn li jistghu jindikaw spacc ta' droga. Verament illi l-imputat instab bid-droga fil-pussess tieghu gewwa diskoteka fl-ewwel tas-sena, izda din hija cirkostanza li, abbinata mal-pussess ta' erba' pakketti kokaina, ma twassalx lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-pussess kien wiehed aggravat. Il-fatt li l-imputat kien gewwa *Gianpula* u li kien ukoll l-ewwel tas-sena, huwa wkoll kompatibbli ma' pussess ta' droga ghall-uzu personali. Jirrizulta mix-xhieda tal-imputat li huwa kien ilu jabbuza mid-droga ghal numru ta' snin u ommu wkoll ikkonfermat dan l-uzu, kemm ghaliex kienet tinnota li binha, minkejja li kellu impjieg, kien jitlobha l-flus, kif ukoll ghaliex kien hemm okkazzjoni, diversi snin qabel, meta l-imputat kien iddahhal l-isptar minhabba *overdose*. In sostenn tal-fatt illi l-imputat kien jabbuza mid-droga, il-Qorti tqis ukoll illi mill-fedina penali tieghu, kif aggornata sa Jannar 2013, jirrizulta wkoll illi fis-sena 2002, l-imputat instab hati ta' pussess semplici tar-raza tal-*cannabis* (u dan b'referenza ghas-sena 1999 u ghalhekk erbatax-il sena qabel il-kaz odjern), fis-sena 2003, instab hati

wkoll ta' pussess semplici tal-*ecstasy* u tar-raza tal-*cannabis* (u dan b'referenza ghas-sena 2000) u ta' pussess semplici ta' *ecstasy* fis-sena 2012 (u dan b'referenza ghas-sena 2007).

F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tqisx illi l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement ippruvata. Madankollu, kif inghad, jirrizulta ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat kien fil-pussess tal-kokaina ghall-uzu personali tieghu u ghaldaqstant, huwa qed jinstab hati tal-pussess semplici tal-istess droga, reat kompriz u involut fir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

L-imputat gie addebitat ukoll bir-recidiva u dan permezz ta' diversi sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, kif indikat fic-citazzjoni odjerna. Madankollu, il-Prosekuzzjoni baqghet ma esebiet l-ebda wahda minn dawn is-sentenzi u ghaldaqstant, dan l-addebitu ma jirrizultax sodisfacentement ippruvat.

## Konsiderazzjonijiet dwar Piena

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tal-kaz odjern, li tikkonsisti f'sejbien ta' htija dwar diversi reati *inter alia* diversi reati kontravvenzjonali, pussess semplici ta' droga, sewqan ta' vettura minghajr polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, offiza involontarja fuq il-persuna, sewqan ta' vettura bi ksur tal-Kapitolu 65, reat bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 343.23 u reati ohrajn.

Tqis ukoll illi fil-pussess tal-imputat instabu erba' pakketti bil-kokaina. Stante illi l-piz tal-istess ma jirrizultax mill-atti, il-Qorti tqis illi d-dubju ghandu jmur favur l-imputat u ghaldaqstant, tqis ukoll illi ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal fini ta' piena, ikkunsidrat ukoll ix-xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation*, li saret referenza ghaliha izjed 'il fuq.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tal-addebitu tar-recidiva u qed tilliberah minnhom, izda qed issibu hati tar-reat ta' pussess

semplici tad-droga kokaina (ossia pussess ta' droga kokaina ghall-uzu personali tieghu) u tikkundannah ghall-penali ta' hamsa u disghin Euro (€95). Ai termini tal-Artikolu 10(2) tal-Kap. 291 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li f'kaz li l-hati ma jhallasx din is-somma fi zmien xahar mil-lum, huwa ghandu jhallas penali addizzjonali ta' hdax il-Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

Tordna d-distruzzjoni ta' Dokument NS1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat